

OPINJONI TAL-KUNSILL**ta' l-4 ta' Marzu 2008****dwar il-programm ta' konverġenza aġġornat tad-Danimarka, 2007-2010**

(2008/C 74/04)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

- (1) Fl-4 ta' Marzu 2008 l-Kunsill eżamina l-programm ta' konverġenza aġġornat tad-Danimarka, li jkopri l-perijodu bejn l-2007 u l-2010 ⁽²⁾ u li jagħti indikazzjonijiet ulterjuri ta' żviluppi lejn l-2015.
- (2) F'dawn l-aħħar snin, l-ekonomija Daniża kienet ikkartterizzata bi tkabbir qawwi ta' PGD reali, gwardanji mdaqqsas ta' impjieġ, utilizzazzjoni ta' kapaċità għolja, inflazzjoni baxxa u rata ta' kambju stabbli fl-ERM II.

Matul is-sena li għaddiet, madankollu, ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità bdew iwaqqfu l-attività ekonomika, u dehru l-ewwel sinjali fiż-żieda fil-prezzijiet u fl-inflazzjoni tas-salarji. Filwaqt li l-bilanċ estern għadu favorevoli, l-implikazzjoni ta' pressjonijiet ta' spejjeż dejjem jogħlew u n-nuqqas ta' xogħol għal kompetittività qed iqajmu tħassib. Il-finanzi pubbliċi jibqgħu qawwija b'bilanċi favorevoli sostenibbli tal-gvern ġenerali u tkomplija ta' tnaqqis fid-dejn. Bħalissa, l-isfida ewlenija għal politika fiskali hija li żżomm pożizzjoni fiskali prudenti biex tevita li tikkontribwixxi għal pressjoni ulterjuri tas-suq tax-xogħol. L-iżgurar li l-limiti ta' l-infiq jiġu osservati jirrapreżenta sfida addizzjonali, b'mod partikolari fi żminijiet ta' introjtu enerġetiku, iżda hu madankollu importanti meta wieħed jikkunsidra l-ambizzjonijiet tal-gvern biex jiżgura s-sostenibbiltà fiskali.

- (3) Il-programm jipprevedi li l-ekonomija Daniża qiegħda fl-ogħla punt taċ-ċiklu tan-negozju tagħha u issa qed tiffaċċja perijodu ta' tkabbir aktar moderat. Għalhekk it-tkabbir reali tal-PGD huwa mistenni li jonqos minn 2 % fl-2007 għal 1 % bħala medja matul il-bqija tal-perijodu tal-programm. Ivvalutat skond l-informazzjoni disponibbli bħalissa ⁽³⁾, dan ix-xenarju jidher li huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir plawżibbli fl-2008 u suppożizzjonijiet kawti minn dak in-nhar 'il quddiem minħabba s-suppożizzjoni abbażi ta' l-aġġornament tad-differenza pożittiva kbira bejn il-produzzjoni (ikkalkolata bl-użu ta' metodoloġija nazzjonali) ⁽⁴⁾ li tagħlaq lejn l-2011. It-tbassir tal-programm għal inflazzjoni tas-salarji u l-prezzijiet jidher kemmxejn baxx, b'mod partikolari għall-2009, fid-dawl ta' pressjonijiet ta' salarji domestiċi kif ukoll bħala tendenzi globali. Madankollu, l-istabbiltà tal-prezzijiet għandha tkun preservata matul il-perijodu tal-programm.

(¹) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1055/2005 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 1). Id-dokumenti kollha msemmija f'dan it-test jinstabu fuq is-sit web li ġej: http://ec.europa.eu/economy_finance/about/activities/sgp/main_en.htm.

(²) L-aġġornament kien ippreżentat iktar minn 3 ġimgħat lil hinn mill-iskadenza ta' l-1 ta' Diċembru mniżżla fil-kodiċi tal-kon-dotta bil-ħsieb tal-formazzjoni ta' gvern ġdid wara l-elezzjonijiet ġenerali f'Novembru.

(³) Il-valutazzjoni tqis partikolarment it-tbassir tal-ħarifa 2007 tas-servizzi tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tar-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' Ottubru 2007 tal-programm nazzjonali ta' riforma.

(⁴) L-użu tal-metodoloġija nazzjonali, differenti mill-metodoloġija miftiehma, jwassal għal differenzi ogħla fil-produzzjoni (minħabba inqas stima ta' tkabbir potenzjali).

- (4) Għall-2007, il-bilanċ żejjed ġenerali tal-gvern huwa stmat li jkun 4,0 % tal-PGD fit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2007, imqabbel ma' mira ta' 2,8 % tal-PGD stipulata fl-aġġornament preċedenti tal-programm ta' konverġenza. Din is-sopraprestazzjoni tirrifletti effett ta' bażi pożittiv sinifikanti mill-2006 minħabba tkabbir ta' impjieg aktar qawwi milli mistenni u dħul ogħla milli kien antiċipat minn attivitajiet relatati maż-żejt u l-gass fil-Baħar tat-Tramuntana.

Il-programm attwali jantiċipa bilanċ ta' 3,8 % tal-PGD, iżda fid-dawl ta' informazzjoni aktar reċenti ⁽¹⁾, id-dħul jidher li hu b'0,5 punt perċentwal tal-PGD aktar ogħla milli mistenni, u b'hekk il-bilanċ se jiġi rivedut 'il fuq skond dan (madwar 4,5 % tal-PGD).

- (5) Immexxi mill-objettiv ġenerali biex jiżgura s-sostenibbiltà fiskali, l-għan ewlieni ta' l-istrateġija tal-baġit hu ż-żamma ta' bilanċ għoli, minkejja t-tnaqqis rapidu ta' bilanċi (minn 3,8 % tal-PGD fl-2007 għal 3,0 % fl-2008 u b'mod ulterjuri għal 1,2 % fl-2010 ⁽²⁾) meta mqabbel ma' l-isfond ta' kundizzjonijiet ċikliċi li dejjem qed jiddgħajfu. L-objettiv fuq terminu medju (MTO) għall-pożizzjoni ta' l-estimi hu rivedut 'il fuq ⁽³⁾ b'0,25 punt perċentwal tal-PGD għal żieda strutturali (jiġifieri bilanċi ċiklikament aġġustati bl-esklużjoni tal-miżuri ta' darba u oħrajn temporanji) bejn 0,75 % u 1,75 % tal-PGD. L-MTO ser ikun rispettata b'mod sħiħ matul il-perijodu tal-programm. Il-passaġġ huwa b'mod ġenerali simili għall-aġġornament preċedenti, għalkemm jibda minn bilanċ ogħla, kontra sfond makroekonomiku ġeneralment komparabbli. L-istrateġija tiddependi fuq l-applikazzjoni kontinwa ta' l-iffriżar tat-taxxa ⁽⁴⁾ u t-trażżin ta' l-infiq u tipprevedi xi tnaqqis fit-taxxa. It-trażżin ta' l-infiq hu mmirat permezz ta' limiti annwali għal tkabbir reali ta' l-infiq tal-konsum pubbliku (li kull ma jmur qed issir dejjem aktar ristrett minn 1,75 % fl-2008 għal 1 % fl-2009-2010), u limitu fuq l-infiq tal-konsum pubbliku nominali b' 26,5 % ta' PGD aġġustat ċiklikament lejn l-2015. Il-bilanċ strutturali kkalkulat skond il-metodoloġija miftiehma b'mod komuni hu previst li jibqa' b'mod ġenerali l-istess, dak ta' 3,5 % fl-2007-2008 u li jaqa' għal 2,5 % fl-2009-2010 ⁽⁵⁾. Il-programm jindika bilanċi aktar baxxi lejn l-2015, minħabba li l-effetti tax-xjuħija huma mistennija li jiġu stabbiliti u s-sorsi tad-dħul fil-Baħar tat-Tramuntana huma previsti li jbattu.
- (6) Ir-riżultati baġitarji jistgħu jkun aħjar milli mbassra fil-programm, b'mod partikolari fid-dawl tar-riżultat aħjar milli kien mistenni għall-2007 kif indikat fil-preżentazzjoni ta' l-2008 ta' l-abbozz tal-kont tal-baġit fil-5 ta' Frar 2008. Ir-rekord tajjeb ta' bilanċi mdaqqsqa, li ta' spiss huma riveduti 'l fuq minħabba sorpriżi ta' dħul pożittiv, u l-perspettiva kawta makroekonomika mill-2009 jgħelbu r-riskju relatat ma' prestazzjoni kemmxjejn aktar baxxa biex iżommu l-limiti tat-tkabbir ta' l-infiq tal-konsum tal-gvern.
- (7) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni tar-riskju, l-pożizzjoni baġitarja tal-programm tippermetti li jintlaħaq l-MTO b'marġini wiesa' matul il-perijodu tal-programm, kif maħsub fil-programm. Il-pożizzjoni tal-politika fiskali implikata bil-programm hi b'mod ġenerali konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir matul il-perijodu.
- (8) Id-Danimarka tidher li tinsab friskju baxx f'dak li għandu x'jaqsam mas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. L-impatt baġitarju fit-tul tax-xjuħija hu inqas mill-medja fl-UE, notevolment permezz tar-riforma tal-pensjoni inkluża fil-Ftehim dwar l-Għajnuna Soċjali ⁽⁶⁾. Madankollu, l-pożizzjoni baġitarja fl-2007 kif stmata fil-programm, b'bilanċ strutturali kbir, jikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' dejn gross. Iż-żamma ta' bilanċi pożittivi primarji għoljin fuq terminu medju se jillimita iżjed kull riskju għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

⁽¹⁾ Il-Prospett tal-Baġit akkumpanjat bl-abbozz tal-kont tal-baġit ippreżentat fil-5 ta' Frar 2008.

⁽²⁾ Fit-tbassir li jakkumpanja l-abbozz il-ġdid tal-kont tal-baġit għall-2008, ippubblikat mill-Ministeru tal-Finanzi Daniż fil-5 ta' Frar 2008, il-bilanċi jiġu riveduti 'l fuq għal 4,4 % tal-PGD fl-2007, 3,7 % fl-2008 u 2,7 % fl-2009.

⁽³⁾ Dan minħabba s-suspensjoni kontinwa ssononuta mill-iskadenza ta' l-2008 tal-"kontribut ta' pensjoni speċjali", li qabel ġġenerat nuqqas fit-taxxa tad-dħul għal tiffid ta' pensjoni privata fl-ordni ta' 0,25 % tal-PGD. Għalhekk hu ppjanat li jiżdied l-MTO biż-żieda li tirriżulta mid-dħul mit-taxxa.

⁽⁴⁾ L-iffriżar tat-taxxa jimplika li mill-2002 'il quddiem, la r-rati tat-taxxi diretti u lanqas dawk indiretti ma jstgħu jogħlew, kemm jekk definiti f'termini nominali kif ukoll perċentwali.

⁽⁵⁾ Differenzi fid-definizzjoni ta' miżuri ta' darba u oħrajn temporanji juru li l-estimi għal bilanċ strutturali għad mhumiex komparabbli mat-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni.

⁽⁶⁾ Il-"Ftehim dwar il-Prospertà Futura, l-Għajnuna Soċjali u l-Investimenti fil-Futur", konkluż mill-gvern f'Ġunju 2006, itella' l-età standard ta' l-irtirar minn 65 għal 67 sena u l-età ta' l-irtirar kmieni minn 60 għal 62 sena matul l-20 sena li ġejjin. Mill-2025 il-limiti ta' l-età se jiġu indikjati għall-bidliet fl-għomor.

- (9) Il-programm ta' konverġenza jidher li huwa konsistenti sewwa fir-rapport ta' implimentazzjoni ta' Ottubru 2007 tal-programm ta' riforma nazzjonali. Kemm il-programm u r-rapport ta' implimentazzjoni huma bbażati fuq l-istrategġija ekonomika "Lejn miri ġodda — Danimarka 2015", ippreżentata mill-gvern f'Awissu 2007. L-effetti ta' finanzi pubbliċi ta' miżuri ta' riforma ewlenin bħall-istrategġija prevista ta' l-enerġija u l-hekk imsejħa "Fond ta' Kwalità" għal investimenti fis-servizzi pubbliċi (prinċipalment il-kura tas-saħħa u l-kura għall-anzjani) huma espliċitament ikkunsidrati.
- (10) Fir-rigward tal-ħtiġiet tad-data speċifiki fil-kodiċi ta' kondotta għall-programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm jipprovdri d-data kollha meħtieġa u l-biċċa l-kbira tad-data fakultattiva ⁽¹⁾.

Il-konklużjoni globali hi li l-programm jimmira li jżomm pożizzjoni baġitarja soda li tirrispetta b'mod sħiħ l-MTO matul il-perjodu, konsistenti mal-mira ta' sostenibbiltà fiskali fit-tul. Minkejja l-previżjoni ta' bilanċ għoli, anke jekk qed jonqos b'mod rapidu matul il-perjodu tal-programm, il-miri baġitarji jidhru fuq in-naħa kawta, fid-dawl tar-riżultat ta' l-2007 aħjar milli mistenni u ta' l-aktar tbassir riċenti. Ir-riskju għal sostenibbiltà fit-tul hi stmata li tkun baxxa. Fil-preżent, l-aktar sfida importanti tal-politika hi li tindirizza l-iskarsezza tax-xogħol u l-probabilità ta' pressjoni ta' spejjeż permezz ta' taħlita ta' politika strutturali u makroekonomika. Aktar miżuri jeħtieġ li jiġu identifikati u implimentati biex jstimulaw il-provvista tax-xogħol. Sadanittant, il-pożizzjoni fiskali għandha tkun ikkunsidrata b'attenzjoni sabiex tiġi evitata il-proċikliċità. Għalhekk, iż-żamma tat-tkabbir ta' l-infiq tal-konsum tal-pubbliku, bħalma kien previst fil-programm, tibqa' ta' priorità għolja.

It-tqabbil tal-prospettivi makroekonomiċi u baġitarji ewlenin

		2006	2007	2008	2009	2010
PGD reali (% bidla)	PK Diċ 2007	3,5	2,0	1,3	1,1	0,5
	COM Nov 2007	3,5	1,9	1,3	1,4	m.a.
	PK Diċ 2006	2,7	2,0	0,7	0,7	0,6
Inflazzjoni HICP (%)	PK Diċ 2007	1,9	1,7	2,4	1,6	1,9
	COM Nov 2007	1,9	1,7	2,4	2,4	m.a.
	PK Diċ 2006	2,0	1,8	1,7	1,8	1,7
Differenza fil-produzzjoni ⁽¹⁾ (% tal-PGD potenzjali)	PK Diċ 2007	1,2	1,0	0,3	- 0,4	- 1,5
	COM Nov 2007 ⁽²⁾	1,1	0,7	- 0,2	- 0,9	m.a.
	PK Diċ 2006	0,9	0,9	- 0,3	- 1,3	- 2,3
Self nett fir-rigward tal-bqija tad-dinja (% tal-PGD)	PK Diċ 2007	2,4	1,7	1,3	1,9	2,2
	COM Nov 2007	2,4	1,2	0,7	0,6	m.a.
	PK Diċ 2006	1,6	1,7	1,3	1,2	1,3
Bilanċ ġenerali tal-gvern (% tal-PGD)	PK Diċ 2007	4,6	3,8	3,0	2,0	1,2
	COM Nov 2007	4,6	4,0	3,0	2,5	m.a.
	PK Diċ 2006	3,1	2,8	2,5	1,8	1,2

⁽¹⁾ Madankollu, d-dħul totali u ċ-ċifri ta' nfiq totali u xi subkomponenti ma jikkorrispondux mad-definizzjonijiet armonizzati. L-ispeċifikazzjonijiet ta' l-aġġustamenti għall-fluss ta' stokk huma neqsin fost id-data mhux obbligatorja.

		2006	2007	2008	2009	2010
Bilanċ primarju (% tal-PGD)	PK Diċ 2007	6,2	5,2	4,2	3,0	2,1
	COM Nov 2007	6,2	5,3	4,3	3,6	m.a.
	PK Diċ 2006	4,7	4,3	3,3	2,5	1,8
Bilanċ stipulat b'mod ċikliku ⁽¹⁾ (% tal-PGD)	PK Diċ 2007	3,8	3,1	2,8	2,3	2,2
	COM Nov 2007	3,9	3,6	3,2	3,0	m.a.
	PK Diċ 2006	2,5	2,2	2,7	2,6	2,7
Il-bilanċ strutturali ⁽²⁾ (% tal-PGD)	PK Diċ 2007	2,7	3,5	3,4	2,5	2,5
	COM Nov 2007	3,6	3,2	3,4	3,0	m.a.
	PK Diċ 2006	2,2	1,9	2,7	2,6	2,7
Dejn gross tal-gvern (% tal-PGD)	PK Diċ 2007	30,1	25,6	21,6	19,2	18,6
	COM Nov 2007	30,3	25,0	20,9	17,5	m.a.
	PK Diċ 2006	29,8	25,8	22,7	20,5	19,0

Noti:

- (1) Differenza bejn il-produzzjoni effettiva u potenzjali u bilanċi aġġustati ċiklikament skond il-programm kif ikkalkulati mid-dipartimenti tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-informazzjoni fil-programmi.
- (2) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 2,2 %, 2,3 %, 2,2 % u 2,0 % rispettivament fil-perjodu 2006-2009.
- (3) Bilanċ aġġustat ċiklikament esklużi miżuri ta' darba u oħrajn temporanji. Miżuri ta' darba u oħrajn temporanji huma 1,1 % tal-PGD fl-2006 (b'żieda fil-bilanċ) u 0,4 %, 0,6 %, 0,2 % u 0,3 % tal-PGD rispettivament fil-perjodu ta' l-2007-2010 (kollha b'nuqqas fil-bilanċ) skond l-aktar programm riċenti u 0,3 % tal-PGD kemm fl-2006 u l-2007 (b'żieda fil-bilanċ) u 0,2 % fl-2008 (b'nuqqas fil-bilanċ) fit-tbassir tal-Ħarifa tad-dipartimenti tal-Kummissjoni. Madankollu, l-programm juża definizzjoni differenti ta' miżura ta' darba, minħabba li l-varjazzjonijiet temporanji fid-dħul identifikati fil-programm mhumiex ikkunsidrati bħala varjazzjonijiet ta' darba mid-dipartimenti tal-Kummissjoni.

Sors:

Programm ta' Konverġenza (PK); Tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2007 tas-servizzi tal-Kummissjoni (COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni